**Minuti tat-22-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

It-tnejn u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2012. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista ppresediet il-laqgħa.

**Item 1 – Attendenza u Apoloġiji**

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo il-Minuti tal-21 laqgħa ġew unanimament approvati.

**Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti**

Dwar il-ġbir tal-iskart u l-knis fit-toroq ta' St Peter's iċ-*Chairperson* qalet li kien qed jitpoġġa skart quddiem residenzi u fil-kantunieri ta' toroq bħal Triq il-Farfett tal-Fejġel, Triq il-Bumunqar, Triq Victor Cauchi, Triq iż-Żagħrun u Triq il-Berebis. Iċ-*Chairperson* pproponiet li tintbgħat ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq biex jiġu mitluba jħallu l-iskart wara l-bieb tagħhom u b'hekk jiġi evitat li jkun hemm munzelli ta' skart f'post wieħed. Is-Sur Bartolo issekonda l-proposta tas-Sinjura Debattista u l-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat din l-ittra.

Is-Sur Bartolo qal li l-i*scammel* mhux qed jidħol regolarment fi Triq iż-Żagħrun u dan in-nuqqas qed iġiegħel lir-residenti tat-triq joħorġu l-iskart fil-kantuniera tat-triq.

**Item 4 – Korrispondenza**

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Adrian Strickland dwar l-istemma tal-Kumitati Amministrattivi. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li jsiru t-tibdiliet proposti mis-Sur Strickland u li l-Kumitat jitlob li jiġi ppreżentat b'kopja tal-istemma wara li din tiġi irranġata għall-approvazzjoni finali tal-Kumitat.

Is-Sur Mario Bartolo rrefera għall-korrispondenza li ntbgħatet fid-djar ta' St Peter's mill-Kunsillier tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar is-Sur Mark Grech u qal li ġie

avviċinat minn residenti li staqsewh jekk St Peter's hux qed jiġi amministrat mill-Kunsill Lokali jew mill-Kumitat Amministrattiv. Is-Sur Bartolo qal li għalkemm is-Sur Grech għamel referenza għal Kumitat Amministrattiv ta' St Peter's, ta' wieħed x'jifhem li l-Kunsill Lokali jista' jagħmel pressjoni mal-Kumitat Amministrattiv biex isir ċertu xogħol li kunsillier individwali jkun irid jagħmel fiż-żona St Peter's.

Is-Sur Bartolo qal li ma jaħsibx li l-intenzzjoni tas-Sur Grech kienet li jinforma lir-residenti ta' St Peter's li hemm Kumitat Amministrattiv għal din il-komunita, sena u nofs wara li dan twaqqaf. Is-Sur Bartolo qal li r-residenti li tkellmu miegħu fehmu li l-iskop tal-ittra tas-Sur Grech li kienet waħda personali u mhux f'isem il-Kunsill, intbgħatet bħala propaganda personali u ma kellhiex qatt tintbgħat lill-komunita li għaliha twaqqaf Kumitat Amministrattiv. Is-Sur Grech kellu jindaga x'kuntatti saru bejn il-Kumitat Amministrattiv u r-residenti ta' din iż-żona qabel ikontempla li jikteb ittra ta' din ix-xorta. Is-Sur Farrugia issekonda lis-Sur Bartolo u l-Kumitat qabel unanimament li f'dan l-istadju jressaq dan l-ilment għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali.

**<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien talab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jgħarraf lill-Kumitat Amministrattiv bl-allokazzjoni għas-sena 2012. Is-Segretarju qal li hekk kif tiġi magħrufa l-allokazzjoni isir abbozz tal-estimi annwali kif ukoll laqgħa pubblika biex imbagħad wara jiġi approvati l-estimi annwali u jitħejja ukoll pjan ta' ħidma għas-snin 2012 – 2014 peress illi s-sena 2011 kienet l-ewwel sena sħiħa għal Kumitat.

**<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>**

Is-Sur Bartolo talab li l-Kumitat Amministrattiv jagħti lill-entitajiet kollha konċernati deadline sabiex sal-15 ta' Frar jindikaw ix-xogħlijiet li jridu jagħmlu fi Triq il-Marżebb qabel din tingħata t-tarmak.

Dwar ix-xogħol li mistenni jsir fi Triq iż-Żagħrun is-Sur Bartolo qal li kien irċieva lmenti minn residenti dwar id-diżlivell li hemm f'din it-triq.

Is-Sur Farrugia semma t-tindif li sar maġenb il-*playing field* ta' Triq l-Għakrux u qal illi jeħtieġ li issa li dan il-post tnaddaf isir xi ħaġa biex dan l-ispazju li hemm wara l-garaxxijiet ma jibqax iservi għar-rimi ta' skart. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo il-Kumitat qabel unanimament li dan il-post jingħalaq b'tali mod li ma jkunx jista' jintefa' aktar skart.

Is-Sur Farrugia qal ukoll li kien tkellem mas-sidien tal-garaxxijiet li kkonfermaw li dan l-ispazju kien proprjeta' tad-Dipartiment tal-Artijiet.

Fl-aħħarnet iċ-Chairperson u s-Sur Farrugia semmew l-art mitluqa li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u talbu li tibqa ssir pressjoni biex din l-art titnaddaf kollha u tiddawwar b'ħajt.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-tlieta u għoxrin laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 6 ta' Frar 2012.

Maria Elena Debattista
Chairperson